

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-23 ta' Diċembru 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Više sodišče v Mariboru — Ir-Repubblika tas-Slovenja) — Jasna Detiček vs Maurizio Sgueglia

(Kawża C-403/09 PPU) ⁽¹⁾

(Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri — Regolament (KE) Nru 2201/2003 — Miżuri provviżorji dwar id-dritt ta' kustodja — Deċiżjoni eżekuttiva fi Stat Membru — Tneħħija illegali ta' minuri — Stat Membru ieħor — Qorti oħra — Assenjazzjoni tal-kustodja tal-minuri lill-ġenitur l-ieħor — Ġurisdizzjoni — Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari)

(2010/C 63/24)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Qorti tar-rinviju

Više sodišče v Mariboru

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Jasna Detiček

Konvenut: Maurizio Sgueglia

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Interpretazzjoni tal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243) — Miżuri provviżorji u kawtelatorji — Ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru A biex tiddeċiedi provviżorjament dwar talba għall-kisba tal-kustodja ta' minuri, filwaqt li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-mertu tal-kawża — li hija l-qorti li tiddeċiedi t-talba għad-divorzju — tinsab fi Stat Membru B.

Dispożittiv

L-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fiċ-ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, ma jippermettix lil qorti ta' Stat Membru li tadotta miżura provviżorja fil-qasam ta' responsabbiltà tal-ġenituri intiża li tagħti l-kustodja ta' minuri li jinsab fit-territorju ta' dan l-Istat Membru lil wieħed mill-ġenituri tiegħu meta qorti ta' Stat Membru ieħor, li għandha ġurisdizzjoni skont l-imsemmi regolament li tiddeċiedi fuq il-mertu tal-kwistjoni dwar il-kustodja tal-minuri, tkun diġà tat deċiżjoni li tafda b'mod provviżorju l-kustodja ta' dan il-minuri lill-ġenitur l-ieħor, u li din id-deċiżjoni tkun għet iddikjarata eżekuttiva fit-territorju tal-ewwel Stat Membru

⁽¹⁾ ĠU C 312, 19.12.2009.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla), tat-23 ta' Novembru 2009 (talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Monomeles Protodikeio Rethymnis — il-Greċja) — Geórgios K. Lagoudakis vs Kentro Anoiktis Prostatias Hlikiomenon Dimou Rethymnis (C-162/08) u Dimitrios G. Ladakis, Andréas M. Birtas, Konstantinos G. Kyriakopoulos, Emmanouil V. Klamponis, Sofoklis E. Mastorakis vs Dimos Geropotamou (C-163/08) u Michail Zacharioudakis vs Dimos Lampis (C-164/08)

(Kawżi magħquda C-162/08 sa C-164/08) ⁽¹⁾

(L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Politika soċjali — Direttiva 1999/70/KE — Klawżoli 5 u 8 tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol għal żmien fiss — Kuntratti ta' xogħol għal żmien fiss fis-settur pubbliku — L-ewwel jew l-uniku kuntratt — Kuntratti suċċessivi — Miżuri legali ekwivalenti — Tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema — Miżuri intiżi sabiex jipprevjenu l-abbużi — Sanzjonijiet — Projbizzjoni assoluta tal-bidla tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien fiss f'kuntratti għal żmien indefinit fis-settur pubbliku — Konsegwenzi ta' traspożizzjoni żbaljata ta' direttiva — Interpretazzjoni konformi)

(2010/C 63/25)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Monomeles Protodikeio Rethymnis

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Geórgios K. Lagoudakis (C-162/08), Dimitrios G. Ladakis, Andréas M. Birtas, Konstantinos G. Kyriakopoulos, Emmanouil V. Klamponis, Sofoklis E. Mastorakis (C-163/08), Michail Zacharioudakis (C-164/08)

Konvenuti: Kentro Anoiktis Prostatias Hlikiomenon Dimou Rethymnis (C-162/08), Dimos Geropotamou (C-163/08), Dimos Lampis (C-164/08)

Suġġett

Talbiet għal deċiżjoni preliminari — Monomeles Protodikeio Rethymnis — Interpretazzjoni tal-klawżoli 5 u 8(1) u (3) tal-Anness għad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU L 175, p. 43) — Projbizzjoni milli tiġi adottata leġislazzjoni nazzjonali bl-iskuża ta' traspożizzjoni meta leġislazzjoni nazzjonali, ekwivalenti għall-klawżola 5(1) tad-direttiva, hija diġà fis-seħħ u meta l-leġislazzjoni l-ġdida tnaqqas il-livell ta' protezzjoni tal-ħaddiema impjegati taħt kuntratt ta' xogħol għal żmien fiss.